# ERBA’ ĦWEJJEĠ MEĦTIEĠA GĦAL SALTNA

George Ebejer

## TERRITORJU – SUĠĠETTI – SULTAN - LIĠI

## IS-SALTNA TA’ ALLA

# TERRITORJU

## ID-DINJA KOLLHA

**Mattew 28:18-20** – *“Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: Kull setgħa hija mogħtija lili fis-sema u fl-art. Morru, mela, u għamlu dixxipli* ***mill-ġnus kollha****, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta’ l-Iben u ta’ l-Ispirtu s-Santu: U għallmuhom iħarsu kulma ordnajtilkom jien, u, ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem id-dinja.”*

**Mark 16:15-16** – *“U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil* ***kull maħluq****. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.”*

## KULL NAZZJON

**Isaija 2:2-3** – *“U jiġri fl-aħħar jiem, illi l-muntanja ta’ dar il-Mulej tkun imwaqqfa f’ras il-muntanji, u tintrafa’ ’l fuq mill-għoljiet, u* ***l-ġnus koll-ha*** *jiġru lejha. U ħafna nies imorru, u jgħidu: Ejjew, ħa nitilgħu fuq il-muntanja tal-Muelj, fid-dar ta’ Alla ta’ Ġakobb; u hu jgħallimna triqatu, u aħna nimxu fil-mogħdijiet tiegħu: għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem.”*

**Rumani 16:15-26** – *“Issa lil dak li għandu s-setgħa jwettaqkom skond l-evanġelju tiegħi, u x-xandir ta’ Ġesù Kristu, skond ir-rivelazzjoni tal-misteru, li nżamm moħbi sa mill-bidu tad-dinja. Imma issa mikxuf, u bil-kitba tal-profeti, skond l-ordni t’Alla ta’ dejjem, imgħarraf* ***lill-ġnus kollha****, għall-ubbidjenza tal-fidi.”*

# SUĠĠETTI

## IL-ĠNUS KOLLHA

**Isaija 2:2-3** – "*U jiġri fl-aħħar jiem, illi l-muntanja ta' dar il-Mulej tkun imwaqqfa f'ras il-muntanji, u tintrafa' 'l fuq mill-għoljiet, u* ***l-ġnus koll-ha*** *jiġru lejha. U ħafna nies imorru, u jgħidu: Ejjew, ħa nitilgħu fuq il-muntanja tal-Muelj, fid-dar ta' Alla ta' Ġakobb; u hu jgħallimna triqatu, u aħna nimxu fil-mogħdijiet tiegħu: għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem.*"

**Atti 10:34-35** – "*Imbagħad Pietru fetaħ fommu, u qal: Tassew qiegħed nara lil Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd: Imma* ***f'kull ġens****, dak li għandu l-biża' tiegħu, u jagħmel is-sewwa, hu milqugħ minnu.*"

## IL-ĦOLQIEN KOLLU

**Mark 16:15-16** – "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil* ***kull maħluq****. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

## KULL MIN IRID

**Rumani 10:13** – "*Għax* ***kull min*** *isejjaħ isem il-Mulej ikun salvat.*"

**Rivelazzjoni 22:17** – "*U l-Ispirtu u l-għarusa jgħidu: Ejja. U min jisma' ħa jgħid: Ejja. U ħa jiġi min hu bil-għatx. U* ***kull min irid****, ħa jieħu l-ilma tal-ħajja b'xejn.*"

# SULTAN

## KRISTU L-MULEJ

**Ġeremija 23:5-6** – "*Ara, jiġu l-jiem, igħid il-Mulej, li nnissel lil David Rimja ġusta, u* ***Sultan*** *isaltan u jimxi bil-għaqal, u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa fuq l-art. Fi żmienu, Ġuda jkun salvat, u Iżrael igħammar fis-sigurtà: u dan l-isem li bih isejħulu: l-Mulej il-Ħaqq Tagħna.*"

**Mattew 2:2** – "*Igħidu: Fejn hu dak li twieled* ***Sultan*** *tal-Lhud? Għax aħna rajna l-kewkba tiegħu fil-lvant, u ġejna biex nagħtuh qima.*"

**Luqa 1:31, 33** – "*U, ara, int tnissel f'ġufek, u tiled iben, u ssemmih ĠESÙ….u* ***JSALTAN għal dejjem*** *fuq id-dar ta' Ġakobb; u* ***għal saltnatu ma jkunx hemm tmiem****.*"

# <u>FUQ IT-TRON TIEGĦU</u>

<u>Isaija 9:6-7</u> – "*Għax tweldilna tifel; ingħatalna iben: u s-setgħa tkun fuq spallejh, u jissemma ismu Kunsillier tal-Għaġeb, Alla qawwi, Missier għal dejjem, il-Prinċep tal-Paċi. Mill-kobor tas-setgħa u s-sliem tiegħu ma jkunx hemm tmiem,* ***<u>fuq it-tron</u>*** *ta' David, u fuq saltnatu biex iwaqqafha, u jwettaqha bil-ħaqq u bis-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa tal-Mulej ta' l-eżerċti tagħmel dan.*"

<u>Atti 2:22-36</u> – "*Ja rġiel ta' Iżrael, isimgħu dal-kliem: Ġesù ta' Nażaret, raġel muri minn Alla fostkom b'mirakli, u egħġubijiet, u sinjali, li Alla għamel bih fostkom, bħal ma tafu wkoll intom infuskom: Dan, mogħti fl-idejn skond il-fehma li ma titbiddilx u l-għerf minn qabel ta' Alla, intom qbadtu, u b'idejn ħżiena sallabtu u qtiltu. Li Alla qajmu, billi ħall il-weġgħat tal-mewt: għax ma kienx jista' jkun li jinżamm minnha. Għax David igħid fuqu: Jien rajt dejjem minn qabel quddiem wiċċi l-Mulej, għax hu fuq lemini, biex ma nitqanqalx: Għalhekk ferħet qalbi, u thenna lsieni; u issa wkoll jistrieħ ġismi fit-tama: Għax int ma tħallix ruħi fl-imwiet, u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara t-taħsir. Int għarraftni t-toroq tal-ħajja; int tagħmilni mimli bil-ferħ bid-dehra tiegħek. Irġiel u aħwa, ħalli nkellimkom bla talqaliq fuq il-patrijarka David, li hu mejjet u midfun, u l-qabar tiegħu għadu fostna sal-lum. Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħed b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq* ***<u>it-tron</u>*** *tiegħu; Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-leminija ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa. Għax David ma talax fis-smewwiet: iżda hu stess igħid: Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod* ***<u>fil-lemin tiegħi</u>****, Sa ma nagħmel l-egħdewwa tiegħek b'mirfes riġlejk. Mela ħa tkun taf fi żgur id-dar kollha ta' Iżrael, li Alla għamel lil dan stess Ġesù, li intom sallab-tu, sew Mulej u kemm Kristu.*"

<u>Rivelazzjoni 3:21</u> – "*Lil dak li jirbaħ nagħtih joqgħod miegħi fuq* ***<u>it-tron tiegħi</u>****, bħal ma rbaħt jien ukoll, u* ***<u>qgħadt bil-qiegħda ma' Mis-sieri fuq it-tron tiegħu</u>****.*"

# <u>ISSA QIEGĦED ISALTAN</u>

<u>Atti 2:30-33</u> – "*Mela billi kien profeta, u billi kien jaf li Alla kien wiegħed b'ħalfa, li mill-frott ta' ġenbejh, skond il-ġisem, iqajjem 'il Kristu biex joqgħod fuq* ***<u>it-tron</u>*** *tiegħu; Hu, billi ra minn qabel dan, tkellem fuq il-qawmien ta' Kristu, li ruħu ma tħallietx fl-imwiet, u lanqas*

*ġismu ma ra t-taħsir. Dan Ġesù qajmu Alla, li tiegħu aħna lkoll xhud. Għalhekk billi kien imgħolli bil-leminija ta' Alla, u billi ħa mingħand il-Missier il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu, hu xerred dan, li intom qegħdin taraw u tisimgħu issa."*

**Kolossin 1:12-13** – "*Roddu ħajr lill-Missier li għamilkom denji li* ***tissieħbu*** *fil-wirt tal-qaddisin* ***fis-saltna*** *tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam,* ***u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub****."*

**Lhud 12:28-29** – "*Mela rroddu ħajr lil Alla għax* ***aħna ħadna saltna li ma titħarrikx****; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieħ u bil-biża''. Għax Alla tagħna hu nar qerriedi."*

**2 Timotju 4:1** – "*Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-dehra tiegħu u* ***s-slatna tiegħu****."*

**1 Korintin 15:24-26** – "*Imbagħad* ***jiġi t-tmiem****, meta hu jagħti* ***s-saltna*** *'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa. Għax jaħtieġ* ***isaltan****, sa ma jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh. L-aħħar għadu li jinqered hi l-mewt."*

# LIĠI

## IL-KLEMA TA' ALLA

**Salm 19:7** – "***Il-liġi tal-Mulej*** *perfetta, u taħji r-ruħ:…"*

**Ġakbu 2:12** – "*Hekk tkellmu, u hekk agħmlu, bħal dawk li sa jsir ħaqq minnhom* ***bil-liġi*** *tal-libertà."*

## LIĠI PERFETTA

**Ġakbu 1:25** – "*Imma min iħares bir-reqqa ġol-****liġi perfetta****, li hi l-liġi tal-libertà, u jkompli jħares ġo fiha, u mhux bħal wieħed li jisma' u jinsa, imma li jagħmel l-egħmil, dan il-bniedem ikun imbierek fl-egħmil tiegħu."*

**Ġwanni 12:48** – "*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għadnu wieħed li jagħmel ħaqq minnu:* ***il-kliem li jiena għidt****, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum."*

## SUFFIĊJENTI GĦAL KOLLOX

**Luqa 1:1-4** – "*Bosta kien dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħu fostna, kif rawhom dawk b'għaj-*

*nejhom stess u saru ministri tal-kelma. Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu,* ***wara li bir-reqqa kolha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett****, deherli li għandi niktiblek* ***kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa*** *dwar kull ma ġara."*

**2 Timotju 3:16-17** – "*L-iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq: Biex il-bniedem t'Alla jkun* ***perfett****, imrawwam għal kull għemil tajjeb."*

**2 Pietru 1:3** – "*Għaliex is-setgħa divini tiegħu* ***tatna kulma jinħtieġ*** *għall-ħajja u t-tjieba, permezz tal-għarfa ta' dak li sejħillna għall-glorja u l-virtù."*

**Efesin 3:1-4** – "*Għalhekk jiena Pawlu, jien, il-priġunier ta' Kristu minħabba fikom il-Ġentili… jekk, kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid tagħkom, jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor. Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa* ***kemm jiena dħalt fil-qalba*** *tal-misteru ta' Kristu."*

**1 Tessalonikin 2:13** – "*Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla talli* ***l-kelma t'Alla****, li intom smajtu minn għandna, ilqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda* ***bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi****: dik il-kelma li qiegħed taħdem fikom li emmintu."*

## KONKLUŻJONI

Hija s-saltna mwaqqfa? Iva. X'inhi l-prova ta' dan? "***u DAĦĦALNA fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub***" (Kolossin 1:13).

Jekk mhix fl-eżistenza ISSA fejn "daħħalna"?

**Lhud 12:28-29** – "*Mela rroddu ħajr lil Alla għax* ***aħna ħadna saltna li ma titħarrikx.****"*

Jekk mhix fl-eżistenza ISSA kif nistgħu aħna "ĦADNA saltna li ma titħarrikx"?

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).